MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 89/2003

**Mario Vassallo**

**Vs**

**Pilastri Construction Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ disgha mija u tmienja u erbghin lira Maltija (Lm948) rapprezentanti arretrati ta’ paga, bonu, granet ta’ leave u beneficcji ohra dovut mis-socjeta konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Semgha lill-attur bil-gurament.

Ra n-nota li permezz taghha l-attur irriduca t-talba tieghu ghas-somma ta’ sebgha mija u tmienja u erbghin lira Maltija (Lm748), stante pagament fil-mori tal-proceduri.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta’ sebgha mija u tmienja u erbghin lira Maltija (Lm748), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------